# Għajnsielem fl-Istorja

## "Kemmuna"

### Loreto Galea



Hekk kif tkun ġej minn Malta u tilmaħ il-gżira ta' Kemmuna, l-ewwel impressjoni li tieħu, hi ta' gżira hera u deżerta. Din id-dehra li timlik bl-interess għaliex il-pożizzjoni tagħha qegħda bejn iż-żewg gżejjer prinċipali, mal-ewwel tirrifletti l-importanza tagħha. Dan l-interess isir aktar partikolari meta wieħed jiftakar li art Kemmuna hi art Għajnsielem, billi l-gżira tagħmel parti mir-raħal.

Wieħed ma jintebaħx li skoll hekk żgħir għandu wkoll l-istorja tiegħu. Fi żmien il-Greċja Antika, skond Kluverju, din il-gżira kienet tissejjaħ "Hephaestia", filwaqt li skont il-kittieba Ortelju u Silja, din kienet tissejjaħ "Festa". Awturi oħra fosthom Ovidju u Tolomew sejjħulha "Cosyra", kelma li tfisser "gżira". Fl-imgħoddi x'uħud kienu tal-opinjoni li l-isem Kemmuna ġej minn kelma griega, "Kimeni", li tħassret f'Kemmuna mis-Seraċini. Il-kelma Kemmuna tfisser "Maġenb", kif fil-fatt hi tassew bejn Għawdex u Malta. Hemm oħrajn, imbagħad, li jsostnu li n-nisel Kemmuna ġej minn "Kenn", għaliex din il-gżira tkennen lil Għawdex u lill-Baħħara. Baħrin Għawdxin waqt li jkunu jaqsmu l-fliegu f'xi maltempata għadhom jgħidulek li "Allaħares m'hemmx il-kenn ta' Kemmuna".

L-istoriku Għawdxi Agius DeSoldanis kien tal-fehma illi din il-gżira kienet imgħammra bin-nies għax kellha raba' li jista' jinħadem. L-istoriku Abela jgħid ukoll li f'xi partijiet tal-gżira kienu jidhru l-pedamenti ta' bini antik ħafna u minn dan jikkonkludi illi fil-qedem Kemmuna kien hemm in-nies. Żmien ilu Sir Temi Zammit kien sab skeletru midfun bl-aktar mod stramb; twil sitt piedi u żewġ pulzieri, fil-bajja ta' Santa Marija. Skont il-fehma ta' Sir Temi Zammit u Napuljun Tagliaferro, dan kien il-fdal ta' Sinjur Ruman li mar jgħix hemmhekk. Fis-sena 1254, wieħed eremita Spanjol, Abram Abulaifa, kien jgħix fuq Kemmuna u fiż-żmien il-ħakma tal-Gran Mastru DePaola nstabu xi mġieri taċ-ċomb li kienu jservu għall-ilma. Għal ħabta tas-seklu erbgħatax, Kemmuna kienet tagħmel mal-Ġuratija t'Għawdex. Dawn il-gżejjer kienu miżgħudin bil-furbani u Kemmuna kienet post għall-kenn u l-mistrieħ. B'riżultat ta' dan, Kemmuna saret gżira mingħajr abitanti. Il-furbani kemm-il darba kienu jattakkaw id-dgħajjes f'Għawdex. Biex il-kummerċ bejn iż-żewg gżejjer jkun liberu u mingħajr periklu, il-Ġurati t'Għawdex xtaqu li jibnu torri fuq Kemmuna biex jindokra l-fliegu.

Fil-Katridral tal-Imdina instab manuskritt li jġib id-data ta' 1328 fejn il-Maltin talbu lir-Re Alfonju V ta' Spanja biex jibnu torri. Dan it-torri inbena, però m'għadux jeżisti. Fis-sena 1419 il-ġurati Għawdxin kitbu lill-Viċi Re ta' Spanja biex jibnu torri ieħor fuq Kemmuna. Fis-6 ta' April 1419, il-Viċi Re ta' Spanja aċċetta. Mhux magħruf jekk dan it-torri nbeniex jew le, iżda s-Sur Tancredi Borg jiżgurana li t-torri ġie mibni fuq il-fdalijiet ta' wieħed eqdem.

Fis-sena 1618, il-Gran Mastru Alofju de Wignacourt biegħ Kemmuna lil Ġuże' Caruana bis-somma ta' 4,000 skud. Il-Gran Mastru ġie marbut li b'din is-somma flus jibni torri jħares lejn il-gżira u l-fliegu. Il-Gran Mastru ħareġ digriet biex ir-raba' ta' Kemmuna jibda jinħadem u l-qliegħ li jinġabar, kollu jmur biex tinżamm l-għassa tat-torri.

It-torri ġie mibni fuq disinn ta' Vitor Cassar, iben Glormu, il-bennej tal-Kon Katidral ta' San Ġwann. Hu bena t-torri fuq l-għolja tal-mazz li fl-għamla tiegħu jagħti xebħ lit-torri ta' Sant' Agatha fil-Qammieħ. It-torri tal-mazz jew ta' Santa Marija, għandu żewg sulari







u kien mgħammar b'sittax-il kanun u għaxar suldati. Fl-14 ta' Mejju 1641, intbagħtu żewġ kanuni u tliet kanunieri oħra, meta ġriet ix-xniegħa li l-armata torka kienet qed tħejji biex taħbat għal Malta. Is-sinjal tal-għadu kien jingħata permezz ta' torri ieħor (forsi t-torri Garzes) u mbagħad minn Kemmuna s-sinjal kien jintbagħat lit-torri tal-Aħrax u minn hemm lit-torri ta' Sant'Agatha. Is-sinjal kien tir ta' kanun matul il-jum u ħuġġieġa matul il-lejl. Maż-żmien, dan it-torri kien mgħammar b' kappella ddedikata lill-Madonna tal-Bon Konsill għall-ħtiġijiet tas-suldati u l-familji tagħhom.

Wara li tlesta t-torri, Kemmuna waqgħet taħt idejn il-Gran Mastru. Hawn Kemmuna bdiet titgħammar bil-bdiewa fejn parti mill-gżira ġiet ikkultivata. Aktar tard inbniet ukoll Knisja u kienet iddedikata lill-Madonna fejn x'aktarx jieħu l-isem il-port ta' Santa Marija. Fil-bajja ta' San Nikola kien hemm ukoll knisja ċkejkna ddedikata lil dan il-Qaddis. F'dan iż-żmien tal-Gran Mastri l-kaċċa kienet irreservata għalihom u fl-aħħar tas-seklu sittax kien hemm ukoll il-ħnieżer selvaġġi.

Kemmuna minn dejjem kienet tagħmel mal-Qrati t'Għawdex. Sallum din il-gżira għadha parti minn Għawdex u fl-elezzjonijiet ġenerali, l-abitanti ta' Kemmuna jivvotaw f'Għajnsielem. Uffiċjalment, il-gżira saret parti minn Għajnsielem fil-1 ta' April 1855, meta Għajnsielem inqata' mill-parroċċa tan-Nadur. Fl-editt tal-Isqof O. Publiju M. dei Conti Sant, tat-30 ta' Marzu 1855, intqal li wieħed mil-limiti tal-parroċċa l-ġdida kienet "il-gżira ċkejkna ta' Kemmuna".

Illum il-gżira ta' Kemmuna toffri l-baħar, xemx, kwiet u trankwillità f'dinja mgħaġġla. Snin ilu kien għad baqa' madwar għaxar familji jaħdmu r-raba' u jistadu. Illum dawn kważi kollha telqu. Mal-wasla tas-snin sittin waslet l-ewwel tinqixa fuq il-ħajja kwieta u rustika tal-gżira. Ġew mibnija żewġ lukandi moderni fejn fil-passat kienet isservi ta' wens għall-pirati, saret wens ta' mijiet ta' turisti li jfittxuha bħala post ta' serħan mill-ġirja sfrenata tal-ħajja moderna. Hadd ma jista' jgħid liema triq sejra tkun l-aħjar - għall-mument wieħed għandu jitpaxxa bis-sbuħija naturali selvaġġa tagħha u tal-baħar ta' madwarha.

